Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2025/2036(INI)

28.3.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar viżjoni ġdida għall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej
(2025/2036(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Laurence Farreng

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar viżjoni ġdida għall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej
(2025/2036(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2020 dwar miżuri effikaċi biex Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jsiru aktar "ħodor"[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar l-istabbiliment taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025 – mikrokredenzjali, kontijiet ta' apprendiment individwali u apprendiment għal ambjent sostenibbli[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' inklużjoni fil-qafas ta' Erasmus+ 2014–2020[4],

– wara li kkunsidra l-istudju tal-11 ta' Settembru 2023 li sar għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tiegħu bit-titolu "EU funding programmes 2021-2027 in culture, media, education, youth and sports: first lessons, challenges and future perspectives – Erasmus+" (Programmi ta' finanzjament tal-UE 2021–2027 fil-kultura, il-media, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport: l-ewwel lezzjonijiet, l-isfidi u l-perspettivi futuri – Erasmus+),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-20 ta' Lulju 2023 li sar għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tiegħu bit-titolu "Early implementation of four 2021-2027 EU programmes: Erasmus+, Creative Europe, European Solidarity Corps and Citizens, Equality, Rights and Values (Strand 3)" (Implimentazzjoni bikrija ta' erba' programmi tal-UE 2021–2027: Erasmus +, Ewropa Kreattiva, Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (Fergħa 3)),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-eżiti u l-potenzjal trasformattiv tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej[5],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2017,

---

[1] ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj.
[2] ĠU C 385, 22.9.2021, p. 2.
[3] ĠU C 479, 16.12.2022, p. 65.
[4] ĠU C 32, 27.1.2023, p. 58.
[5] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura et al., Report on the outcomes and transformational potential of the European Universities initiative (Rapport dwar l-eżiti u l-potenzjal trasformattiv tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2018 dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2019 dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur[6],

– wara li kkunsidrat il-Komunikat Ministerjali ta' Ruma tad-19 ta' Novembru 2020 fil-Konferenza Ministerjali taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa[7],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2024, dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea" (COM(2024)0144),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 intitolata "L-Unjoni tal-Ħiliet" (COM(2025)0090),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(e) tad-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-11 ta' Diċembru 2024 u l-Anness 3 tagħha dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A10-0000/2025),

A. billi l-edukazzjoni ta' kwalità u l-kooperazzjoni akkademika u xjentifika huma prerekwiżiti biex niksbu l-awtonomija strateġika Ewropea tagħna, niġġieldu lill-iskarsezzi tal-ħiliet u nrawmu l-kompetittività mal-aqwa universitajiet tad-dinja;

B. billi l-importanza tad-dinja akkademika u tal-universitajiet għal Ewropa kompetittiva hija sottolinjata fir-rapport ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, fir-rapport ta' Enrico Letta dwar il-futur tas-suq uniku u fir-rapport ta' Manuel Heitor dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa;

C. billi Erasmus+ huwa programm emblematiku tal-UE li jappoġġja l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fl-Ewropa u lil hinn minnha;

D. billi l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej ġiet stabbilita bħala inizjattiva emblematika fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2021–2027) ta' Erasmus+;

E. billi l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jaqdu skop multidimensjonali, billi jibdew bil-ħolqien ta' kurrikuli konġunti u jipprogressaw lejn il-ħolqien ta' kampusijiet

[6] ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1.
[7] ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

interuniversitarji li għandhom dimensjoni Ewropea b'saħħitha, maħsuba biex irawmu l-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal akkademiku u amministrattiv, u lejn bidliet aktar trasformattivi tal-pajsaġġi tal-edukazzjoni għolja fl-Istati Membri u fil-pajjiżi parteċipanti;

F. billi l-libertà akkademika u xjentifika hija prinċipju ċentrali tal-missjonijiet u l-attivitajiet tal-universitajiet;

G. billi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa jiffaċċjaw sfidi bil-kollaborazzjoni transnazzjonali, speċjalment fir-rigward tal-finanzjament u l-governanza;

H. billi l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej kienet ħafna aktar ta' suċċess milli kien previst fil-bidu; billi l-għan li jinħolqu 20 alleanza spjegat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 inqabeż, peress li issa nħolqu 65 alleanza, li jinkludu aktar minn 570 università b'aktar minn 2 200 sieħeb estern, mingħajr l-ebda allokazzjoni baġitarja addizzjonali;

I. billi dawn l-alleanzi attwali ntgħażlu permezz ta' ħames sejħiet miftuħa kompetittivi li kienu jiffukaw fuq il-kwalità, l-eċċellenza, l-inklużività u l-kopertura ġeografika ekwa;

J. billi l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej hija strument ewlieni għall-bini ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni integrata, kompetittiva u inklużiva u għat-tisħiħ tal-identità Ewropea;

K. billi l-alleanzi taw prova tal-potenzjal trasformattiv tagħhom biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-edukazzjoni għolja tal-Istati Membri u sawru rwol għalihom infushom fl-edukazzjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' studenti Ewropej mobbli; billi l-universitajiet minn diversi alleanzi jinsabu fuq quddiem nett tal-bidliet leġiżlattivi fil-pajjiżi tagħhom stess;

L. billi 23 Stat Membru qed jiffinanzjaw l-alleanzi bil-baġits nazzjonali tagħhom;

Is-sitwazzjoni attwali, l-isfidi u l-ostakli

1. Jirrikonoxxi l-merħba kbira mogħtija lill-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u r-rwol tal-inizjattiva fl-iffaċilitar tal-isforzi biex jitneħħew l-ostakli għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-edukazzjoni għolja; jenfasizza l-fatt li l-proġetti ta' mobbiltà, il-ħolqien ta' kurrikuli komuni u l-kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-universitajiet fl-Ewropa huma strumentali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet f'oqsma strateġiċi; jinnota li l-alleanzi huma għodda b'saħħitha għall-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja;

2. Jissottolinja d-diversità tal-alleanzi f'dawk li huma governanza, temi u suġġetti koperti, u d-daqs tal-universitajiet parteċipanti u l-post fejn jinsabu; jinnota l-parteċipazzjoni kbira u ta' suċċess tal-universitajiet minn bliet ta' daqs medju, żoni rurali u reġjuni ultraperiferiċi, li jagħmluha inizjattiva aċċessibbli u inklużiva; jenfasizza l-fatt li l-approċċ "kulħadd f'keffa waħda" mhuwiex xieraq għall-alleanzi; jinnota li r-rappreżentanza ġeografika madwar l-Ewropa kollha tal-universitajiet fi ħdan l-alleanzi hija essenzjali biex jiġi indirizzat b'mod determinal l-eżodu tal-imħuħ;

3. Jilqa' l-integrazzjoni tal-istudenti fl-istrutturi tal-governanza tal-alleanzi, li tippermetti liż-żgħażagħ ikollhom impatt reali fuq l-iżvilupp tagħhom;

4. Jilqa' l-fatt li xi alleanzi qed jinvolvu ruħhom fi proġetti pilota mmirati lejn il-ħolqien ta' lawrja Ewropea u/jew status legali; jenfasizza, madankollu, li l-alleanzi m'għandhomx iservu bħala l-uniku strument għall-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja; jinnota li l-alleanzi għandu jkollhom il-libertà li jispeċjalizzaw u jkunu flessibbli fl-impenji tagħhom;

5. Jilqa' ż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' proġetti tal-mobbiltà li jinvolvu studenti u persunal akkademiku u amministrattiv f'universitajiet li jipparteċipaw fl-alleanzi meta mqabbla ma' proġetti oħra ta' mobbiltà tal-Erasmus+; jinnota li l-objettiv inizjali li tinkiseb mobbiltà bla xkiel għal 50 % tal-istudenti fl-alleanzi parteċipanti għadu ma ntlaħaqx;

6. Jinsab imħasseb dwar it-theddid attwali għal-libertà akkademika u xjentifika f'diversi partijiet tad-dinja, inkluż f'xi Stati Membri; jissottolinja r-rwol li l-universitajiet, inklużi l-alleanzi, għandhom biex jagħmlu s-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja aktar attraenti għall-istudenti u l-persunal akkademiku mhux tal-UE;

7. Jilqa' l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet, speċjalment il-proposta li jmiss dwar l-istatus legali tal-alleanzi, li tagħmilha aktar faċli għalihom li jagħtu bidu għal proġetti Ewropej u jmexxuhom, jattiraw il-finanzjament u jwessgħu l-istruttura tal-governanza tagħhom, speċjalment fil-każ tal-universitajiet minn pajjiżi mhux tal-UE;

8. Jilqa' l-ħolqien ta' FOREU4ALL, komunità ta' prattika għall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej; jissottolinja r-rwol ewlieni tiegħu fit-tixrid tal-innovazzjonijiet mill-alleanzi għall-komunità akkademika usa';

Rakkomandazzjonijiet

9. Jissottolinja li l-finanzjament u l-azzjonijiet iridu jiġbru fihom it-tliet missjonijiet universitarji u t-trijangolu tal-għarfien: l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' pilastri tar-riċerka u tal-innovazzjoni fi ħdan l-alleanzi; jenfasizza l-potenzjal sinifikanti li għandhom l-alleanzi biex jinbnu networks ta' riċerkaturi u ta' kondiviżjoni tal-għarfien fil-livell Ewropew, għal impatt immultiplikat f'oqsma strateġiċi bħall-computing kwantistiku jew l-intelliġenza artifiċjali;

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sostenibbli u prevedibbli għall-alleanzi attwali; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tirriżerva s-sejħiet futuri għall-kontinwazzjoni tal-alleanzi attwali u ta' suċċess; jitlob lill-Kummissjoni żżomm il-proċess tal-applikazzjoni sempliċi kemm jista' jkun;

11. Jissottolinja li l-viżjoni strateġika għall-alleanzi tal-universitajiet għandha tiġi riflessa fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; jitlob lill-Kummissjoni tevalwa kull alleanza sabiex tipprovdi appoġġ u soluzzjonijiet imfassla apposta fir-rigward tal-iżvilupp futur tagħhom;

12. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej tkompli tkun parti mill-programm Erasmus+; jissottolinja li Erasmus+ ma jistax ikun l-uniku sors ta' finanzjament għall-alleanzi; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija ta' investiment komprensiva għall-alleanzi, li tinkludi finanzjament minn programmi tal-

UE bħal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, InvestEU, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;

13. Jenfasizza l-fatt li, sabiex jinkiseb suċċess reali li jinkludi l-kwalità, l-eċċellenza u l-inklużjoni, l-appoġġ għall-alleanzi ma jistax jiġi biss mill-baġit Ewropew iżda għandu jiġi wkoll minn sorsi nazzjonali, lokali u privati;

14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-internazzjonalizzazzjoni tal-alleanzi tissaħħaħ, f'konformità, fost l-oħrajn, mal-istrateġija Global Gateway; jinnota li l-alleanzi huma fil-livell it-tajjeb biex jiġu stabbiliti s-sħubijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE, u jistgħu jużaw għodod bħall-Erasmus Mundus; jitlob lill-Kummissjoni u lill-alleanzi jiżguraw li s-sħab kollha involuti jikkonformaw mal-valuri Ewropej;

15. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-alleanzi jaqilbu minn "loġika bbażata fuq il-proġetti" għall-kooperazzjoni trasformattiva fit-tul; jissottolinja kemm hu importanti li l-alleanzi jkunu jistgħu jespandu; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti għanijiet kwalitattivi aktar milli kwantitattivi;

16. Jinnota li l-alleanzi qed jittestjaw modi innovattivi ta' tagħlim u ta' akkwist tal-għarfien, bħall-mikrokredenzjali u l-mobbiltà mħallta; jenfasizza l-ħtieġa li l-interoperabbilità tas-sistemi tal-kompjuter tiġi kkonsolidata biex jinħolqu interkampusijiet virtwali Ewropej ġenwini;

17. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li żżid il-kriterji fis-sejħiet futuri possibbli, f'konformità mat-temi marbuta mal-awtonomija strateġika Ewropea u l-kompetittività Ewropea, bħall-enerġija, id-difiża, it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni diġitali;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li l-alleanzi jkollhom l-istruttura u l-kapaċitajiet it-tajba biex jappoġġjaw it-trasferiment tat-teknoloġija u jippermettu ż-żieda fir-riċerka, fil-livell Ewropew;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kunċett tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej issemma għall-ewwel darba fid-diskors ta' Sorbonne tal-2017 minn Emmanuel Macron, President tar-Repubblika Franċiża. Dan sar realtà fl-2019 u ġie implimentat bħala parti mill-programm Erasmus+ 2021–2027. Din l-idea hija appoġġjata minn tradizzjoni twila ħafna ta' kooperazzjoni u skambji bejn l-universitajiet Ewropej li tmur lura għall-Medju Evu, b'eżempji bħall-vjaġġi ta' Desiderius Erasmus lejn bliet akkademiċi, jew il-Grand Tour, vjaġġ edukattiv tradizzjonali fl-Ewropa, għall-irġiel żgħażagħ mis-seklu 17 sas-seklu 19. L-Inizjattiva tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, fil-forma attwali tagħha, kienet tfasslet bħala network ta' universitajiet li jippromwovi l-mobbiltà tal-istudenti bejn il-kampusijiet, u biex tavvanza l-innovazzjoni pedagoġika. L-ewwel Alleanzi ġew varati fl-2019, u saru suċċess immedjat. Filwaqt li l-idea oriġinali kienet li jiġu varati biss 20 alleanza, illum jeżistu 65 alleanza, li jlaqqgħu flimkien aktar minn 570 università, li jirrappreżentaw aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-istudenti tal-Unjoni Ewropea. Is-sejħiet tal-Kummissjoni għall-alleanzi tal-universitajiet kienu ta' natura miftuħa, li ppermettew lill-universitajiet iwettquhom b'mod miftuħ u kreattiv meta kienu jiġu biex jiddeċiedu l-għadd ta' sħab, it-tipi ta' governanza, it-temi li kienu se jindirizzaw u l-forom ta' kollaborazzjoni tagħhom. Dan il-mudell li rnexxa mhux biss ippermetta l-parteċipazzjoni tal-universitajiet li huma l-akbar u l-aktar rikonoxxuti internazzjonalment, iżda wkoll dik tal-universitajiet żgħar u ta' daqs medju, u ta' dawk fir-reġjuni ultraperiferiċi, biex jingħaqdu madwar temi u objettivi kondiviżi li jikkontribwixxu għall-vitalità tat-territorju tagħhom, joffru liż-żgħażagħ edukazzjoni fil-livell tal-UE, u jindirizzaw l-eżodu tal-imħuħ. Dan jagħmlu proġett inklużiv ħafna li jiddemokratizza l-eċċellenza akkademika b'mod inklużiv. Ħafna aktar min-networks, dawn l-Alleanzi joħolqu wkoll kampusijiet intra-Ewropej u saru katalisti għall-bidliet leġiżlattivi. Huma muturi tal-innovazzjoni, filwaqt li jnaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet u jħeġġu ġenerazzjoni ġdida ta' żgħażagħ Ewropej jesploraw u jitgħallmu. Hemm diversi raġunijiet għala wieħed iħares aktar mill-qrib lejn l-Alleanzi, b'mod partikolari lejn il-potenzjal futur tagħhom u l-kwistjonijiet li ġew identifikati matul is-snin. Fi żmien ta' żieda fl-insigurtà globali, l-Alleanzi saru assi reali biex itejbu l-kompetittività u s-sovranità tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk jeħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom għall-innovazzjoni u r-riċerka u għat-trasferimenti tat-teknoloġija, b'mod partikolari fis-setturi kritiċi u strateġiċi li jistgħu jkomplu jiksbu s-sigurtà u l-eċċellenza għall-Unjoni Ewropea. Meta l-libertà akkademika tkun taħt attakk, b'mod partikolari minn atturi globali bħall-Istati Uniti tal-Amerka, l-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej huma għodda li biha l-UE tista' tkompli tattira riċerkaturi u akkademiċi minn madwar id-dinja kollha. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu akkwistati investiment u finanzjament għall-Alleanzi, sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet tagħhom, tissaħħaħ l-effiċjenza tagħhom, jiġu kkonsolidati l-mudelli tagħhom u tiġi ggarantita l-lonġevità tagħhom, bil-mira li fil-futur isiru indipendenti. Programmi bħal Erasmus+ huma ta' importanza vitali għal dan. Aktar milli joħolqu Alleanzi ġodda, dawn il-programmi u l-finanzjament tagħhom għandhom jappoġġjaw is-suċċess tal-Alleanzi eżistenti li diġà bdew isawru mill-ġdid l-eċċellenza akkademika u l-libertà akkademika tal-UE.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-Rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Coimbra Group
LERU
Saarland University
Agreenium
EUt+ University Alliance
Una Europa vzw Student Board
Circle U. AISBL (Circle U. European University Alliance)
European University Association
ARQUS Alliance
Conference of European Schools for Advanced Engineering Education and Research
France Universités

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.